Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **1 ta’ April 2021**

# Heritage Malta xxandar dokumentarju dwar imxiji u miżuri ta’ mitigazzjoni tal-imgħoddi

Pandemiji u epidemiji li laqtu lil Malta fl-imgħoddi, il-konsegwenzi tagħhom u l-mod kif ingħelbu, se jkunu t-tema ċentrali ta’ dokumentarju bl-Ingliż li Heritage Malta se xxandar fuq Facebook nhar il-Ħamis, 8 ta’ April, fis-6.30pm, bit-titlu “Pesti, Pandemiji, Prevenzjoni u Mitigazzjoni – Storja li Tirrepeti Ruħha”.

Filwaqt li jenfasizza r-relevanza ta’ dokumenti arkivjati u tar-riċerka, u kif dawn influwenzaw il-miżuri ta’ mitigazzjoni kurrenti kontra l-Covid-19, id-dokumentarju ta’ 20 minuta se jieħu lill-ispettaturi fuq vjaġġ mgħaġġel mal-milja taż-żmien, fejn se jagħtu titwila lill-ħajja lokali waqt imxiji mgħoddija u jaraw kif l-awtoritajiet tas-saħħa Maltin għelbu dan il-mard matul is-sekli.

Id-dokumentarju jibda b’ħarsa lejn l-istorja tal-pandemiji u l-epidemiji fil-Gżejjer Maltin, fosthom il-pesta u l-Influwenza Spanjola, u jiddeskrivi kif il-mard li jittieħed wassal lill-Kavallieri ta’ San Ġwann biex itejbu s-sistema tal-kura tas-saħħa u jadottaw miżuri ta’ kwarantina aktar effettivi bit-twaqqif tal-lazzarett f’Manoel Island.

It-Tieni Gwerra Dinjija wkoll tissemma bi prominenza fid-dokumentarju, b’tagħrif dwar kif ix-xnigħat li se tfaqqa’ gwerra nisslu biża’ ta’ pandemija ġdida, u kif l-awtoritajiet tas-saħħa ħejjew għal din il-kontinġenza. Tingħata ħarsa wkoll lejn ir-reazzjonijiet tan-nies għat-tilqim offrut fi żmienhom, kif jixhdu ittri ppubblikati f’gazzetti tal-epoka.